DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2020/2048

tat-8 ta' Diċembru 2020

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM GEORGIA/2/2020)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2010/452/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni.

(2) Fil-11 ta' Frar 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/200 ([2]), li taħtar lis-Sur Marek SZCZYGIEL bħala Kap tal-Missjoni tal-EUMM Georgia mill-15 ta' Marzu 2020 sal-14 ta' Diċembru 2020.

(3) Fit-3 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1990 ([3]), li testendi l-mandat ta' EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2020 sal-14 ta' Diċembru 2022.

(4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li jestendi l-mandat tas-Sur Marek SZCZYGIEL bħala Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia, mill-15 ta' Diċembru 2020 sal-14 ta' Diċembru 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Marek SZCZYGIEL bħala Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) huwa b'dan estiż mill-15 ta' Diċembru 2020 sal-14 ta' Diċembru 2021.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-15 ta' Diċembru 2020.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
S. FROM-EMMESBERGER

([1]) ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/200 tal-11 ta' Frar 2020 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/2075 (EUMM GEORGIA/1/2020) (ĠU L 42, 14.2.2020, p. 15).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1990 tat-3 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 411, 7.12.2020, p. 1).